**QORTI CIVILI PRIM AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 2 ta` Lulju 2020**

**Rik. Nru. 30/2020 JZM**

**Fl-atti tal-kawza numru 991/19 fl-ismijiet**

**HSBC Bank Malta Plc**

***kontra***

**Jan Sammut**

***u***

**wara l-mandat ta` sekwestru numru 1408/2019 fl-ismijiet**

**HSBC Bank Malta plc**

***kontra***

**Jan Sammut**

**Il-Qorti :**

## I. **Preliminari**

Fl-10 ta` Jannar 2020, Av. Dr Kris Borg, mandatarju ta` Jan Sammut, ("**l-esekutat**") ipprezenta rikors, fejn ghar-ragunijiet hemm indikati, talab lill-qorti sabiex :-

*1. Issib li l-ammont mitlub fil-mandat ta` sekwestru Numru 1408/2019 l-ismijiet : HSBC Bank Malta plc vs Jan Sammut mhux prima facie gustifikat.*

*2. Issib li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat ta` sekwestru Numru 1408/2019 l-ismijiet : HSBC Bank Malta Plc vs Jan Sammut jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

*3. Tirrevoka ghal kollox l-istess mandat ta` sekwestru Numru 1408/2019 l-ismijiet : HSBC Bank Malta plc vs Jan Sammut.*

*4. Tikkundanna lill-HSBC Bank Malta plc li jhallas dik il-penali li din il-Qorti joghgobha timponi ai termini tal-artikolu 836(8)(d).*

*Bl-ispejjez kontra l-bank attur u b` riserva ta` azzjoni ulterjuri.*

Rat id-dokumenti li kienu pprezentati mar-rikors.

HSBC Bank Malta plc ("**il-bank**") ipprezenta risposta fl-24 ta` Jannar 2020 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab lill-qorti sabiex tichad it-talbiet tal-ezekutat.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri fl-udjenza tat-18 ta` Gunju 2020.

Ir-rikors imbaghad thalla sabiex jigi dekretat kameralment.

Rat l-atti l-ohra.

## II. **Sfond**

Id-dipartiment tat-*trusts* tal-bank esekutant kien jitmexxa mill-esekutat. Il-bank ha d-decizjoni li ma jibqax jopera fil-qasam tat-*trusts* u ghalhekk kien deciz li jkun xjolt id-dipartiment. Intant tnediet skema ta` rtirar kmieni ghall-impjegati. L-ezekutat accetta li jmur ghal *early retirement.* Bhala *liquidation benefit* kellu jithallas is-somma ta` €100,000. Sar ftehim fis-sens illi l-impjieg ta` l-esekutat kellu jintemm fit-12 ta` Marzu 2016 ; sa dakinhar kellu jkompli jaghti servizz lill-bank billi jiehu hsieb il-process tal-*winding down* tat-*trusts* li kien involut fihom il-bank, liema process kellu jintemm sal-31 ta` Marzu 2016. Gara illi kien hemm tlett *trusts* li ghal ragunijiet legali l-bank ma setax jinheles minnhom. L-esekutat kien l-uniku mpjegat tal-bank li kien licenzjat mill-MFSA sabiex jopera bhala *trustee* professjonali. Il-bank ghalhekk sab ruhu f`sitwazzjoni fejn minn naha wahda diga` kien hemm ftehim dwar it-tmiem ta` l-impjieg tal-esekutat, u min-naha l-ohra kien se jkun sprovvist minn persuna licenzjata sabiex tamministra t-tlett *trusts* li kellhom jigu *wound up.* Intant l-esekutat kellu diga` kollox lest sabiex jibda jahdem ma` Equity World Solutions, li wara ftehim mal-bank esekutant, kienet sejra tmexxi t-*trusts* li qabel kienu fdati lill-bank.

L-esekutat beda fl-impjieg tieghu mal-bank fl-2004. Matul is-snin mhux kontestat li kien soggett minn zmien ghal zmien ghal skrutinji rigoruzi u mandatorji li kienu rikjesti minhabba n-natura tal-kariga li kellu. Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, il-bank jaccetta li l-esekutat kien persuna "fdata". Irrizulta li ftit gimghat qabel id-data li fiha kellu jintemm l-impjieg, il-bank qieghed lill-esekutat taht investigazzjoni ghaliex skont *audits* li saru, bdew jirrizultaw irregolaritajet li l-bank hass il-bzonn li jinvestiga aktar fil-fond. Il-bank isostni li kienet biss kumbinazzjoni li l-`irregolaritajiet` tfaccaw biss ftit tal-gimghat qabel ma kellu jintemm l-impjieg ta` l-esekutat. Gara li l-*liquidation benefit* li kien miftiehem bejn il-partijiet ma thallasx. L-esekutat mexxa b`kawza ghad-danni kontra l-bank. Min-naha tieghu, il-bank mexxa kontra l-esekutat.

Fil-25 ta` Mejju 2016 l-esekutat kiseb il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-bank ["Jan Sammut vs HSBC Bank Malta plc" (Rik. Nru. 546/2016/1 JPG)] fejn il-bank inzamm : fl-ewwel lok – milli jkeccieh, jittermina l-impjieg tieghu jew jiehu ebda passi dixxiplinari kontrih, jew b`xi mod iehor jiehu xi passi li jistghu jcahhduh mill-eligibilita` tieghu ghall-hlas ta` *terminal entitlement* lilu spettanti ; u fit-tieni lok milli jiddevulga xi allegazzjoni dwaru lil xi terzi persuni, jew b`xi mod iehor jitfa` dell ikrah fuq ir-reputazzjoni tieghu. Minhabba l-mandat ta` inibizzjoni, l-esekutat baqa` fl-impjieg mal-bank. Is-salarju baqa` jithallas izda ma thalliex jidhol ghax-xoghol ghaliex il-pozizzjoni li kien jokkupa kienet intemmet bl-gheluq tad-dipartiment tat-*trusts.*

**In segwitu l-bank ipprezenta mandat ta` sekwestru kawtelatorju kontra l-esekutat ("il-Mandat"). Huwa dan l-att li qieghed jigi mpunjat bil-procediment odjern. Effett tal-Mandat, l-esekutat illum f`idejh qieghed jircievi biss l-ammont li skont il-ligi ma jistax ma jithallasx mill-bank, filwaqt illi l-bilanc qed jigi depozitat mill-bank taht l-awtorita` tal-qorti.**

## III. L-Art 836 tal-Kap 12

L-esekutat qieghed jitlob ir-revoka tal-Mandat.

L-Art 836 tal-Kap 12 jirregola l-materja.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza (li anke din il-qorti tabbraccja) li mhuwiex kompitu taghha fi procediment ta` din ix-xorta li tiskonfina fil-mertu tal-vertenza li qeghda tigi trattata fil-kawza li hija stess qeghda tisma`.

Il-procedura odjerna ghandha tkun sommarja. Ghalhekk l-ezami li jrid isir ghandu jkun biss fuq bazi ta` *prima facie*.

Fil-provvediment li nghata fl-10 ta` Mejju 2001 minn din il-qorti diversament presjeduta fil-kaz ta` "**Joseph Camilleri et vs Anthony Gove` et**" inghad illi :

> *"mid-dispozizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta` prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

[ara wkoll: "**Tanya Chetcuti pro et noe vs Hugo Chetcuti**" (27 ta` Gunju 2002) u "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**" (5 ta` Gunju 2003)].

Propju ghaliex l-ezami ghandu jasal sal-grad ta` *prima facie* l-provvediment li taghti qorti fi procediment ta` din ix-xorta m`ghandux jitqies daqslikieku huwa decizjoni fil-mertu. L-indagni hija limitata ghal ezami (x`aktarx formali) tal-att kawtelatorju. Il-qorti ghandha tillimita ruhha ghal stharrig ta` jekk ir-rekwiziti tal-ligi ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju jkunux jidhru mill-att innifsu. Tkun trid ukoll ghajnejha miftuha li jkunx gie kommess abbuz. ["**Hili et vs Farrugia noe et**" (23 ta` Gunju 1994)].

## IV. It-talbiet

**L-esekutat qieghed jitlob ir-revoka tal-Mandat (it-tielet talba) abbazi tas-subartikolu (1)(d) tal-Art 836 u cioe` illi l-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* gustifikat (l-ewwel talba) kif ukoll abbazi tas-subartikolu (1)(f) tal-Art 836 u cioe` li fic-cirkostanzi l-Mandat mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli (it-tieni talba). Imbaghad talab il-hlas ta` penali skont l-Art 836(8)(d) [ir-raba` talba].**

### 1. L-Art 836(1)(d) tal-Kap 12

**Ibda biex l-esekutat jikkontendi li l-Mandat huwa rregolari u llegali (u allura mhuwiex *prima facie* gustifikabbli) ghaliex il-bank ma setax jidher fuq l-att kemm bhala kreditur u kif ukoll bhala sekwestrarju.**

Il-mandat ta` sekwestru kawtelatorju huwa regolat bl-**Art 849 et seq tal-Kap 12**. L-effetti tas-sekwestru kawtelatorju huma l-istess bhal tas-sekwestru ezekuttiv ; ghalhekk l-**Art 375 et seq** (li jittrattaw is-sekwestru ezekuttiv) ighoddu ghas-sekwestru kawtelatorju.

**Art 375 tal-Kap 12** ighid :-

*"Meta* ***kreditur*** *bis-sahha ta` sentenza jew titolu esekuttiv iehor, sabiex jithallas tal-kreditu tieghu, ikun irid izomm li ma jghaddux f`idejn* ***id-debitur*** *tieghu, flus jew haga mobbli li jkunu jinsabu f`idejn* ***haddiehor****, jista` jaghmel dan bil-mezz ta` mandat ta` sekwestru."*
(enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

Bl-Ingliz id-disposizzjoni taqra :-

*"Where a creditor under a judgment or any other executive title, in order to obtain the payment of a debt owing to him, desires to attach in the hands of a* ***third party*** *moneys or movable property due or belonging to his debtor, he may do so by means of a garnishee order."*
(enfasi u sottolinear tal-qorti).

L-esekutat jishaq illi l-iskop ta` mandat ta` din ix-xorta huwa illi jinqabdu minn idejn **terzi** dawk il-flejjes li jappartjenu jew li huma dovuti lid-debitur. Kreditur li ghandu pretensjoni kontra debitur m`ghandux il-jedd illi jpoggi lilu nnifsu **wkoll** fil-posizzjoni ta` sekwestratarju biex dak li huwa ghandu jaghti lid-debtur ma jkomplix isir, u minflok b`effett tal-Mandat jibdew isiru depoziti fil-qorti.

Skont l-esekutat, dan huwa li dak li qieghed igarrab hu.

Fil-procediment odjern, il-bank jikkontendi li ma hemm xejn irregolari jew illegali fil-Mandat ghaliex ghalkemm effett tal-Mandat kien kolpit is-salarju tal-esekutat, il-bank ma kien qieghed ipaci xejn favur tieghu mal-pretensjoni li jsostni li ghandu kontra l-esekutat stante li EUR 698.81 mis-salarju mensili baqa` jithallas lill-esekutat skont l-Art 382(1) tal-Kap 12 waqt li l-bqija qieghed jigi depozitat taht l-awtorita` tal-qorti.

Il-qorti qieset b`reqqa kemm id-dicitura tal-Art 375 kif ukoll ir-*raison d`etre* tal-att kawtelatorju in kwistjoni.

**Mill-qari tad-disposizzjoni, ghandu jkun ragjonevolment evidenti li din tipprospetta tliet soggetti tad-dritt : a) kreditur ; b) debitur ; u c) haddiehor (fit-test bl-Ingliz : *third party* ghall-kreditur u ghad-debitur). Ghalhekk mhijiex kondiviza mill-qorti l-fehma tal-bank illi l-uzu tal-kliem *"jkunu jinsabu f`idejn haddiehor"* tirreferi ghal dawk il-flus jew immobbli li ma jkunux f`idejn id-debitur. Dak il-*haddiehor* ma jistax jiftiehem li jkun il-kreditur jew id-debitur.**

**Dan premess, fejn il-qorti ma taqbilx mal-esekutat huwa meta jghid illi l-fatt li fil-Mandat il-bank deher bhala kreditur u sekwestratarju allura l-Mandat huwa rregolari u llegali fl-intier tieghu. Li kieku l-bank kien l-uniku sekwestratarju l-esekutat kien ikollu fuqhiex jilmenta imma ladarba l-bank kien wiehed minn ghadd ta` sekwestratarji (ara : fol 67 u 68) l-irregolarita` ma tinvestix il-mandat fl-interezza tieghu izda biss l-indikazzjoni tal-bank bhala sekwestratarju.**

Apparti dan l-aspett ta` dritt, l-esekutat ittratta l-aspett fattwali tal-ilment tieghu.

Fil-provvediment li tat din il-qorti diversament presjeduta fid-29 ta` Lulju 2005 fil-procediment "**<u>Galea vs Steward</u>**" inghad hekk :-

> *Il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta` Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti*

*ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t`ghajn li r-rikorrenti ezekutant ghandu bazi ta` pretensjoni, (dak li f`oqsma ohra ta` dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f`somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m`ghandu qatt jinsa f`dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sa kemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f`att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t`ghajn bhala wiehed maghmul b`mod azzardat.*

L-ezekutat jishaq illi bil-fatt li l-bank talab u kiseb il-hrug tal-Mandat mar kontra d-digriet ta` din il-qorti diversament presjeduta tal-25 ta` Mejju 2016 fejn kien ordnat il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-esekutant. Min-naha tieghu, il-bank isostni li kien gustifikat meta talab il-hrug tal-Mandat ghaliex bil-fatt illi minhabba l-mandat ta` inibizzjoni kellu jzomm lill-esekutat fl-impjieg kellu jibqa` jhallsu salarju bil-konsegwenza li garrab danni, inkluz illi l-esekutat hallas flus meta ma kienx awtorizzat.

Il-qorti hasbet fit-tul dwar **<u>l-aspett fattwali</u>** tal-ilment tal-esekutat u ma ssibx li *prima facie* ma jirrizultax li l-bank ma kienx gustifikat li talab u kiseb il-hrug tal-Mandat.

L-argumenti fattwali kollha li gab l-esekutat u li nsista fuqhom waqt it-trattazzjoni tar-rikors jassumu rilevanza meta l-qorti tigi biex tqis il-mertu tal-kawza li ghandha quddiemha. Tenut kont tal-parametri tal-procediment odjern, il-qorti ma tqisx li ghandha taghmel konsiderazzjonijiet li certament, jekk isiru issa, mhux biss izda addirittura jiskonfina mhux bi ftit fuq il-mertu tal-kawza li ghadu *sub judice.*

**In vista tal-premess, il-qorti qeghda tiddisponi mill-ewwel talba tal-ezekutat billi filwaqt li qeghda tichad ir-revoka tal-Mandat**

**abbazi tal-Art 836(1)(d) tal-Kap 12, qeghda tordna t-thassir tal-bank esekutant mil-lista tas-sekwestratarji ; b`hekk qeghda tipprovdi wkoll dwar it-tielet talba.**

**2. <u>L-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12</u>**

Din il-qorti diversament presjeduta fil-procediment fl-ismijiet **`<u>Spiteri v Darmanin</u>`** tat tifsira korretta u preciza ta` din id-disposizzjoni fil-provvediment li tat fil-25 ta` Awwissu 2010 :

> *"Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh ( Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "**<u>Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et"</u>** .*
>
> *Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz;"*

Fil-provvediment li nghata fl-4 ta` Frar 2016 fir-Rikors Nru. 1139/2015 fl-atti tal-Mandat Nru 1454/15 fl-ismijiet : **<u>Steven Pace et vs. Paul Camilleri et</u>** : inghad illi :

*biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo.*

Fil-provvediment illi tat din il-qorti diversament presjeduta fl-10 ta` Awissu 2012 dwar ir-**<u>Rikors Nru 688/2012</u>** saru dawn ir-rilievi :-

> *Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwestjoni ta` jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh*

*jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta` Jannar 1992. "**Spiteri vs Camilleri**" ; PA. RCP. 30 ta` Mejju 2002. "**Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona**" ; u PA. GC. 3 ta` Awissu 2001. "**Fenech noe vs Spiteri noe et**")."*

[ara wkoll : **James Alexander Cook et vs Erdin Hartoka et** (17 ta` Marzu 2014) ; **George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et** (22 ta` Ottubru 2015) ; u **Blue Rapid Incorporation v Elf Aquitaine** (2 ta` Dicembru 2014)]

Fl-isfond ta` dak li nghad mill-qrati taghna huwa bil-wisq evidenti li dak mehtieg li jigi ppruvat ghall-fini ta` din id-disposizzjoni huwa **bdil fic-cirkostanzi** li jirrendu l-Mandat mhux aktar ragonevoli jew gustifikabbli, liema **bdil fic-cirkostanzi** jrid jintwera illi avvera ruhu **wara** d-data tal-hrug tal-Mandat.

Fil-kaz tal-lum, fuq l-iskorta tal-fatti u tac-cirkostanzi li ngiebu ghall-konjizzjoni taghha, din il-qorti tghid illi ma tirrizulta **l-ebda bidla fic-cirkostanzi** li fuqhom hareg il-Mandat li tista` twassalha biex tghid illi l-Mandat mhuwiex aktar ragonevoli jew gustifikat li jibqa` fis-sehh skont is-subartikolu (1)(f) tal-Art 836.

**In vista tal-premess, il-qorti qeghda tichad it-tieni talba tal-esekutat.**

## 3. L-Art 836(8)(d) tal-Kap 12

Is-subartikolu (8) tal-Art 836 jaghti lill-qorti **diskrezzjoni** li timponi penali kontra l-ezekutant illi jkun talab u kiseb il-hrug ta` mandat kawtelatorju kontra l-ezekutat.  Din id-diskrezzjoni hija ezercitabbli jekk jirrizultaw ippruvati erba` cirkostanzi skont kif indikat fil-paragrafi (a) sa (d) tal-istess disposizzjoni.  Huwa bizzejjed jekk tigi ppruvata mqar cirkostanza wahda.  Fil-kaz odjern, l-esekutat qieghed jitlob il-hlas ta` penali abbazi tal-paragrafu (d).

Fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta` Awissu 2012 dwar ir-**Rikors Nru 688/2012** inghad hekk :-

> *Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista` taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta` din, b`piena ta` hlas ta` penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mil-ligi f`dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi izda bizzejjed li tirrizulta wahda minnhom biex il-Qorti tista` taccetta li tqis it-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista` biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f`kazijiet estremi fejn is-sens ta` gustizzja hekk kien jimponilha.  Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta` ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b`abbuz.*

Il-hsieb wara s-subartikolu (8) huwa ta` ordni pubbliku mirat sabiex jaccerta serjeta` fil-process gudizzjarju kif ukoll illi ma jippermettix abbuz fl-uzu tal-istitut tal-mandati kawtelatorji [**Joseph Borg pro et noe vs Joseph Pace noe et** (17 ta` Gunju 2010)]

**Il-qorti ghandha tapplika d-diskrezzjoni taghha wara li tkun ghamlet ezami akkurat tal-assjem tal-fatti u tac-cirkostanzi tal-kaz.**

**Il-qorti ghandha diskrezzjoni li timponi penali li tmur minn minimu ta` €1,164.69 sa massimu ta` €6,988.12, fil-kaz tas-subparagrafu (d) tal-Art 836(8), jekk tkun tirrizulta <u>malizzja, frivolozita</u>` <u>jew vessatorjeta</u>` fit-talba ghall-hrug tal-Mandat.**

**Il-prova tispetta lill-esekutat.**

Tajjeb jinghad li l-mandati kawtelatorji jinhargu fuq ir-responsabilita` ta` min jitlob il-hrug taghhom.

Il-vessatorjeta` twassal ghar-responsabilita`. Min ikun adixxa lill-qorti ghall-hrug ta` mandat kawtelatorju u jkun ibbaza t-talba fuq cirkostanzi manifesti *priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promossa si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell` istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non e` sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite* (sentenza riportata fil-**<u>Kollez. Vol. XXVI.I.405</u>**). Il-vessatorjeta` timplika grad ta` kolpozita` u kattiverija. Twassal ukoll ghal abbuz tad-dritt ta` azzjoni gudizzjarja.

**Il-qorti qieset b`attenzjoni l-posizzjoni taz-zewg nahat u tistqarr li l-procediment odjern ma jistax iwassalha sabiex timponi penali.**

**Fuq li kkostatat sal-lum, il-kwistjoni fil-mertu bejn iz-zewg nahat tidher li sejra tkun kombattuta : mill-bidu sal-ahhar.**
**Fl-istess waqt jidher li ghalkemm bejn il-partijiet diga` hemm aktar minn kawza wahda, ma jidhirx li sal-lum kien hemm proliferazzjoni bla raguni ta` mandati kawtelatorji.**

**Il-qorti mhijiex tal-fehma li, tenut kont tal-komplessita` ta` l-aspetti ta` fatt u ta` dritt li jsawwru l-vertenza, ghandha tmur ghall-imposizzjoni tal-penali meta mhijiex qeghda ssib il-prova li t-talba ghall-hrug tal-Mandat kienet motivata minn malizzja, frivolozita` jew vessatorjeta`.**

**Ir-raba` talba qeghda tkun michuda.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi billi :-**

**Tichad l-ewwel, it-tieni u r-raba` talbiet kif dedotti.**

**Tipprovdi dwar it-tielet talba billi filwaqt li qeghda tichad ir-revoka tal-Mandat, qeghda tordna t-thassir ta` HSBC Bank Malta plc mil-lista tas-sekwestratarji.**

**L-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet li hija pendenti quddiem din il-qorti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**